

# Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar

**_Mario Fenech_**



Il-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar hija ċentru nazzjonali ta' kult Marjan fejn minbarra d-devozzjoni kbira li jgawdu l-Kwadru Titulari tal-artist Alessio Erardi, solennament inkurunat nhar it-2 ta' Settembru 1951 u l-istatwa Titulari tal-Madonna tal-Grazzja, xogħol tal-Iskultur Marjanu Gerada fis-sena 1902, wieħed isib diversi opri sagri b'tema Marjana fl-istess Santwarju.

Fost dawn l-opri hemm il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li jinsab fuq wieħed mill-altari tal-knisja. Dan huwa xogħol tal-artist Francesco Zahra u għamlu fis-sena 1759 meta kien fl-aqwa tal-karriera brillanti tiegħu.

Francesco Zahra huwa magħruf sew għal numru kbir ta' xogħlijiet sbieħ li għamel fil-knejjes ta' Malta u Għawdex. Fost dawn hemm il-kwadru ta' fuq l-altar ta' San Franġisk fl-istess knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar.



Il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu ta' Ħaż-Żabbar jitpoġġa minflok il-kwadru tal-Madonna tal-Katina li kien qabel fuq l-altar. L-artist wera l-kapaċitajiet artistiċi tiegħu kemm fis-suġġett li kien qed jippreżenta fix-xena fuq it-tila kif ukoll b'armonija sħiħa fil-kuluri li għamel użu minnhom.

Il-Figura tal-Madonna bilqiegħda fuq tron bil-Bambin f'ħoġorha qiegħda tagħti l-abitu tal-Karmelu lil San Xmun Stokk hija waħda sabiħa ħafna fl-istess waqt ta' ħlewwa liema bħala.

L-allegorija ta' anġli madwar din ix-xena hija spjegata tajjeb ferm mingħajr ma din tisraq ix-xena. Dan għaliex l-artist pinġa dawn l-anġli rtirati lura fid-daħla li hemm wara t-tron li fuqu qiegħda bilqiegħda l-Madonna.

Fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru l-artist pinġa lil San Nikola ta' Bari b'anġlu żgħir ħdejh.

Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu jissemma' l-ewwel darba fir-rapport tal-Vista Pastorali li għamel fir-raħal ta' Ħaż-Żabbar nhar is-17 ta' Mejju 1754.

Fuq dan l-altar twaqqfet it-Terz Ordni tal-Karmnu nhar il-5 ta' Jannar 1749 u kienu diversi dawk il-benefatturi li għamlu l-opri sagri meħtieġa biex jiġi mżejjen bl-aħjar mod dan l-altar tal-Madonna tal-Karmnu.

Kienet issir bil-kbir il-festa nhar is-16 ta' Lulju bil-kant tal-għasar u quddiesa kantata bl-altar armat sew għal din l-okkażjoni.

Dawn l-opri sbieħ li bihom huwa mżejjen dan l-altar wieħed jista' jammirhom waqt il-jiem tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja meta dan it-tempju Marjan ikun armat bl-isbaħ armar.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd